MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2005

Numru 728/2005

**Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna)**

**vs**

**Aslam Imdat**

**Illum 30 ta' Settembru, 2005**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Aslam Imdat ta' 31 sena mwieled it-Turkija nhar is-27 ta' Awissu 1973 bin Hamza u Hakite nee' Jetkin residenti Southfield Triq L-Imghazel Swieqi detentur ta' Karta ta' l-identita` Nru 495395M gie akkuzat talli:

Nhar il-31 ta' Lulju 2005 ghall-habta ta' 3.30 am gewwa Triq Paceville, San Giljan Santu Wistin San Giljan minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Frederick Brincat minn Pembroke skond kif iccertifikaw Profs Hector Galea MD, Dr. Ethel Zahra MD tal-Isptar San Luqa kif ukoll Dr. Malcom Caruana MD tac-centru tas-sahha tal-Gzira u dan ai terminu tal-artikoli 214, 216 (1)(b), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi gewwa l-istess lok hebb ghall-istess Frederick Brincat sabiex jingurja, iddejjaq jew jghamillu hsara u dan bi ksur tal-artikolu 339(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Frederick Brincat billi torbot lill-imputat b'obbligazzjoni taht il-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai terminu tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok MT3 u nnuntat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Mario Tonna iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 214, 216(1)(b) u 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Aslam Imdat, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali tal-imputat u li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Mario Tonna iddikjara li l-imputat ikkopera mal-pulizija, tillibera lill-istess imputat taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Inoltre, il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Aslam Imdat b’obbligazzjoni personali ta’ mitt lira Maltin (Lm100) li jzomm il-kwiet ma’ l-istess Frederick Brincat ghal zmien sena mil-lum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Aslam Imdat l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------